**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Kaul GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) GU C 193, 15.08.2009

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2010 — L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) vs Frosch Touristik GmbH, DSR touristik GmbH**

**(Kawża C-332/09 P)** ([1])

***("Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Trade mark Komunitarja verbali FLUGBÖRSE — Procedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Data rilevanti għall-eżami ta' raġuni assoluta ta' invalidità")***

(2010/C 234/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: B. Schmidt, aġent)

*Appellati:* Frosch Touristik GmbH (rappreżentant: H. Lauf, avukat), DSR touristik GmbH

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tat-3 ta' Ġunju 2009, Frosch Touristik vs UASI — DSR touristik (FLUGBÖRSE) (T-189/07), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-22 ta' Marzu 2007, li tiċħad l-appell ippreżentat mill-proprjetarju tat-trade mark Komunitarja verbali "FLUGBÖRSE" firrigward tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li tiddikjara l-invalidità parzjali ta' din it-trade mark — Determinazzjoni tad-data rilevanti għall-eżami ta' raġuni assoluta ta' invalidità filkuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) GU C 256, 24.10.2009.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 2010 — Pigasos Alieftiki Naftiki Etaireia vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-451/09 P)** ([1])

***("Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Prova tal-oriġini Komunitarja ta' prodotti li nqabdu minn bastiment li huwa proprjetà ta' kumpannija tad-dritt Grieg — Nuqqas ta' adozzjoni ta' dispożizzjonijiet li jippermettu lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jaċċettaw dokumenti maħruġa minn Stat terz, minbarra d-dokument T2M")***

(2010/C 234/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Appellanti:* Pigasos Alieftiki Naftiki Etaireia (rappreżentanti: N. Skandamis u E. Perakis, avukati)

*Appellati:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Florindo Gijón u M. Balta, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Patakia u B.-R. Killmann, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Settembru 2009, Pigasos Alieftiki Naftiki Etaireia vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-162/07), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti minħabba nuqqas min-naħa tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jadottaw id-dispożizzjonijiet li jippermettu lill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru, fil-każ inkwistjoni l-awtoritajiet doganali Griegi, li jaċċettaw bħala prova tal-oriġini tal-prodotti tas-sajd li nqabdu minn bastiment Grieg proprjetà tar-rikorrenti, dokumenti maħruġa minn Stat terz, minbarra d-dokument T2M previst mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3).